MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 322/2009

**Frank Borda Limited (C446)**
**Vs**
**Keith Pace (K.I. 327480M) u Lucienne Pace (K.I. 387880M)**
**in solidum bejniethom**

**Fil-konfront tal-konvenut Keith Pace biss.**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta'seba' mija, erbgha u sebghin ewro u hames ewro centezmi (€774.05) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut Keith Pace baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-20 ta' Jannar, 2010, fil-konfront ta' Keith Pace, mill-Avukat Claudine Zarb u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut Keith Pace naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------